# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR (GHAWDEX)

## GUDIKATUR : P.L. Paul Saliba

### Seduta ta' nhar it-Tlieta, 24 ta' April 2001

### Avviz numru : 9/2000GT(PS)

**Maltacom P.L.C.**

**-vs-**

**Joseph Vella u, b'digriet tad-9 ta' Mejju, 2000, gew kjamati fil-kawza Toni u Bella Cassar**

**It-Tribunal ;**

**Ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' mija u erbgha u ghoxrin lira Maltin u wiehed u tletin centezmu (LM124.31c), ammont dovut in konnessjoni mas-servizz tat-telefon bin-numru 557629, liema servizz gie installat fil-fond "Molly Farmhouse", Egyptian Street, Xaghra, Ghawdex, skond kif jidher mill-kopja tas-"service agreement" esibita u markata document "A";**

**Ra l-verbal tas-seduta tad-9 ta' Mejju, 2000, li permezz tieghu l-konvenut talab li jigu msejha fil-kawza Tony u Bella konjugi Cassar, u t-Tribunal laqa' t-talba ghall-kjamata fil-kawza ta' l-istess konjugi Cassar;**

**Ra r-risposta li permezz taghha l-konvenut Joseph Vella eccepixxa:**

**(a) Illi la huwa u lanqas xi membru tal-familja tieghu ma qatt kellhom access ghas-servizz tat-telefon bin-numru 557629;**

**(b) Illi l-imsemmi proprjeta' "Molly Farmhouse" qatt ma kienet proprjeta' tal-konvenut, izda xi ghaxar snin ilu kienet proprjeta' tal-genituri tal-mara tieghu;**

**(c) Illi xi tmien snin ilu l-istess genituri tal-mara tal-konvenut ittrasferew il-fond lil certu Toni Cassar;**

**(d) Illi l-istess Toni Cassar ilu ghal dawn l-ahhar snin juza s-servizz tat-telefon bin-numru 557629, u ghalhekk huwa ghandu jirrispondi ghat-talba attrici;**

**Ra r-risposta ta' l-imsejhin fil-kawza Toni u Bella konjugi Cassar, li permezz taghha huma eccepew:**

**(a) Illi meta huma dahlu fil-post "Molly Farmhouse" ghall-habta ta' l-1997, huma kienu applikaw ghal servizz tat-telefon ghall-uzu taghhom. Dan is-servizz fil-fatt inghatalhom fis-7 ta' Jannar, 1997, u dejjem uzaw dan it-telefon gdid bin-numru 562058;**

**(b) Illi huma qatt ma kellhom bzonn juzaw it-telefon l-iehor ghaliex kienu diga' moqdija bil-linja l-ohra. Tant hu hekk illi lanqas kienu jafu bit-telefon l-iehor illi ellegatament jinstab fid-dar taghhom;**

**(c) Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, huma ma humiex ir-"registered user" ta' dan it-telefon l-iehor, u ghalhekk ma ghandhom ibatu ebda spejjez;**

**Sema' bil-gurament lir-rapprezentant tas-socjeta' attrici u lill-konvenut; ezamina d-dokumenti esibiti u l-provi kollha prodotti; u ha konjizzjoni tas-sottomissjonijiet maghmula verbalment mid-difensuri tal-partijiet matul il-kors tal-proceduri;**

**Jikkunsidra:**

**1. Mill-provi prodotti jirrizultaw il-fatti segwenti:**

**(a) Il-fond "Molly Farmhouse", Egyptian Street, Xaghra, Ghawdex, kien originarjament proprjeta' tal-ġenituri tal-mara tal-konvenut Joseph Vella (risposta ta' l-istess konvenut). Madwar disa' snin ilu, din il-proprjeta' giet trasferita lill-kjamat fil-kawza Toni Cassar.**

**(b) Meta fil-fond imsemmi kien jabita John Smith flimkien ma' martu Rosemary Smith, huwa applika ghal servizz tat-telefon biex jigi installat fl-istess fond. Pero' l-installazzjoni ma saritx. L-applikazzjoni minn Smith saret fis-6 ta' Settembru, 1986 (xhieda tal-20 ta' Marzu, 2001, ta' Joseph Debrincat in rapprezentanza tas-socjeta' attrici). B'ittra tal-11 ta' Frar, 1987, l-istess John Smith talab li s-servizz tat-telefon – li ghalih kien applika pero' meta l-installazzjoni tal-linja kienet ghadha ma saritx – jigi trasferit minn fuq ismu ghal fuq isem il-konvenut Joseph Vella (l-istess xhieda), (dokument JD1 fil-process).**

**(c) Fis-7 ta' Marzu, 1987, waqt li l-konvenut Vella kien qed jahdem fil-post "de quo" (xhieda ta' l-istess Vella), u cioe' wara li kienet saret it-talba bil-miktub minn Smith biex is-servizz jinghata fuq isem Vella (dok. DJ1), marru fil-post l-impjegati tas-socjeta' attrici u ghamlu l-istallazzjoni tas-servizz telefoniku bin-numru 557629. Dak inhar il-konvenut Joseph Vella ffirma s-"Service Agreement" f'ismu (dokument DJ 2 fil-process).**

**(d) Ghall-habta ta' l-1997, dahlu jabitaw fil-post il-kjamati fil-kawza Toni u Bella konjugi Cassar, u dawn applikaw ghal servizz gdid tat-telefon. Dan is-servizz inghatalhom fis-7 ta' Jannar, 1997, bin-numru gdid tat-telefon 562058 (risposta ta' l-istess konjugi Cassar).**

**(e) Ma jirrizultax li qatt saret xi talba bil-miktub biex is-servizz tat-telefon bin-numru 557629 minn fuq isem Joseph Vella jigi trasferit ghal fuq isem Rosemary Smith (xhieda ta' Joseph Debrincat tal-20 ta' Marzu, 2001), jew fuq isem xi hadd iehor.**

**(f) Il-kreditu pretiz ta' Lm124.31c ikopri l-perijodu mill-1 ta' Ottubru, 1994, sa l-10 ta' Settembru, 1999 (Dokument JD4 fil-process). Dan jirrigwarda s-servizz tat-telefon unikament bin-numru 557629.**

**2. Dan premess, it-Tribunal jghaddi ghas-segwenti konkluzjonijiet:**

**A. – Fir-rigward tal-kjamati fil-kawza Toni u Bella konjugi Cassar:**

**Mill-provi prodotti ma jirrizultax li qatt kien hemm xi relazzjoni guridika bejn l-istess konjugi Cassar u s-socjeta' attrici fir-rigward tas-servizz telefoniku bin-numru 557629. Ghalhekk dawn ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju; fil-waqt li jibqa' impregudikat kull dritt ta' azzjoni li l-konvenut jista' talvolta jkollu kontra taghhom.**

**B. – Fir-rigward tal-konvenut Joseph Vella:**

**Jirrizulta, b'mod car u inekwivoku, li s-"Service Agreement" gie ffirmat mill-konvenut Vella minghajr ma ghamel ebda rizerva jew indikazzjoni, fl-istess "agreement", li huwa qieghed jiffirma ghan-nom ta' John Smith jew ta' xi haddiehor; u ghalhekk ghandu jitqies li huwa kien qed jiffirma f'ismu personalment. Inoltre, jirrizulta li qatt ma saret ebda talba bil-miktub mill-istess Vella biex is-servizz jigi trasferit minn fuq ismu ghal fuq isem xi haddiehor.**

**Ghalhekk il-kreditu mitlub ghandu jitqies bhala li huwa dovut mill-istess konvenut Joseph Vella.**

**Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jiddeciedi billi:**

1. **Jilqa' t-talba attrici, kif dedotta fl-Avviz, ghall-hlas tas-somma ta' mija u erbgha u ghoxrin lira Maltin u wiehed u tletin centezmu (Lm124.31c), dovuta ghar-ragunijiet premessi, pero' limitatament, fl-intier taghha, fil-konfront biss tal-konvenut Joseph Vella;**

2. **Jillibera mill-osservanza tal-gudizzju lill-kjamati fil-kawza Toni u Bella konjugi Cassar, peress li ma kien hemm ebda relazzjoni guridika bejnhom u s-socjeta' attrici fir-rigward tal-kreditu mitlub; u**

3. **Jikkundanna lill-konvenut Joseph Vella ihallas lis-socjeta' attrici s-somma mitluba ta' Lm124.31c, dovuta kif fuq spjegat; salv, pero', favur l-istess konvenut kull dritt ta' azzjoni "si et quatenus" kontra terzi.**

**L-ispejjez kollha ta' din l-istanza jithallsu mill-konvenut Joseph Vella.**

**(ft) Paul Saliba**
**Gudikatur**
**(ft) Maureen Xuereb**
**Deputat Registratur**

**Vera Kopja**

**Ghar-Registratur**